Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 17 ta' Awwissu 2020**
**(OR. en)**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2020/0170(NLE)**

**10125/20**
**ADD 1**

**AELE 16**
**EEE 11**
**N 14**
**ISL 9**
**FL 8**
**MI 266**
**BUDGET 10**
**FIN 525**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 14 ta' Awwissu 2020 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2020) 367 ANNEX |
| Suġġett: | ANNESS ta' [...] Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE rigward emenda għall-Protokoll 31 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet (Linja Baġitarja 12.02.01 - Servizzi finanzjarji) |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 367 ANNEX.

Mehmuż: COM(2020) 367 ANNEX

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.8.2020
COM(2020) 367 final

ANNEX

**ANNESS**

**ta' [...]**

**Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE rigward emenda għall-Protokoll 31 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet**

**(Linja Baġitarja 12.02.01 - Servizzi finanzjarji)**

<u>**ANNESS**</u>

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**

**Nru […]**

**ta' […]**

**li temenda l-Protokoll 31 għall-Ftehim ŻEE,**
**dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikoli 86 u 98 tiegħu,

Billi:

(1) Huwa xieraq li titkompla l-kooperazzjoni bejn il-Partijiet Kontraenti tal-Ftehim ŻEE fl-azzjonijiet tal-Unjoni ffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-Unjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni u tal-iżvilupp tas-suq uniku għas-servizzi finanzjarji.

(2) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat sabiex ikun possibbli li dik il-kooperazzjoni estiża tibda sseħħ mill-1 ta' Jannar 2020,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Fil-paragrafu 11 tal-Artikolu 7 tal-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, il-kliem "u l-2019" jiġi sostitwit bil-kliem ", l-2019 u l-2020".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-aħħar notifika skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2020.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

*Is-Segretarji*
*Tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*